MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 729/2008

**Leonard Abela, Giuseppe Gaspare maghruf bhala Joseph Abela, Vittorio Giuseppe maghruf bhala Victor Abela, Theresa Camilleri nee Abela, armla ta' Joseph, Maria Marroun nee Abela armla ta' Victor, u kif ukoll Giuseppa armla ta' Alphonse u Maria Anna Sant mart Carmelo u Catherine Abela ulied l-istess Giuseppa u l-mejjet Alphonse Abela ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Vs**

**Saverin Sinagra, John Sinagra u Suor Maria Ignazia Sinagra fis-seklu Antonia**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Lulju 2008, l-atturi qeghdin jitolbu li l-Qorti:-

1. Tiddikjara illi t-testment maghmul mid-defunta Sabina Sinagra fl-14 ta' Ottubru 2003 li jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone huwa null u minghajr effett u dan ghaliex ma giex moqri, iffirmat u ppubblikat quddiem ix-xhieda kif rikjest mill-Ligi ai termini tal-Artikolu 655 tal-Kap. 16 u/jew tal-Artikolu 40 tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara illi t-testment maghmul mid-defunta Sabina Sinagra fit-30 ta' Novembru li jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone huwa null u minghajr effett u dan ghaliex ma giex moqri, iffirmat u ppubblikat quddiem ix-xhieda kif rikjest mill-Ligi ai termini tal-Artikolu 655 tal-Kap. 16 u/jew tal-Artikolu 40 tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz ta' twegiba guramentata l-konvenuti Saverin Sinagra, John Sinagra, Suor Maria Ignazia fis-seklu Antonia Sinagra wiegbu:-

1. L-atturi Giuseppa Abela, Maria Anna Sant u Catherine Abela li qeghdin iharrku 'ghal kull interess li jista' jkollhom', ghandhom jiddikjaraw x'interess ghandhom fil-kawza stante li mhux proceduralment korrett li attur iharrek f'vesti incerti.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-karenza ta' interess guridiku tal-attrici Giuseppa Abela.
3. Subordinatament u minghajr pregudizzju, il-gudizzju m'huwiex integru ghaliex George Sinagra hu werriet skont it-testment tal-14 ta' Ottubru 2003, u ma giex imharrek.
4. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghaliex it-testmenti li ghamlet Sabina Sinagra huma validi.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata minn George Sinagra, iddikjara li gie mharrek inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. B'nota li pprezenta fit-30 ta' Settembru 2009 iddikjara li *"jirrispetta*

*x-xewqa tal-mejta Sabina Sinagra li ma tirtux. (recte, jiritx).”*.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu n-noti ta’ sottomissjonijiet.

Il-kawza titratta dwar zewg testmenti li saru minn Sabina Sinagra fl-14 ta’ Ottubru 2003 pubblikat min-nutar Dr Joseph Tabone (fol. 19) u 30 ta’ Novembru 2006 pubblikat min-nutar Dr Patrizia Mallia (fol. 20). Sabina Sinagra mietet fis-16 ta’ Awwissu 2007, u qabel dawn iz-zewg testmenti kienet ghamlet testment iehor flimkien ma’ zewgha fis-16 ta’ Mejju 1979 pubblikat min-nutar Dr Joseph Henry Saydon (fol. 18) fejn innominaw lil xulxin werrieta ta’ gidhom kollu.

L-atturi Victor, Joseph, Leonard, Theresa u Maria Marroun huma l-ahwa ta’ Sabina Sigrana, filwaqt li Maria Anna Sant u Catherine Abela huma wlied il-mejjet Alphonse Abela li kien hu t-testatrici. Min-naha l-ohra l-konvenuti huma hut zewgha Carmelo Sinagra li miet qabel it-testatrici.

B’riferenza ghall-eccezzjonijiet preliminari l-qorti tosserva:-

i. **L-ewwel eccezzjoni** – Maria Anna Sant u Catherine Abela huma wlied Alphonse Abela li kien wiehed mill-ahwa ta’ Sabina Sinagra. Gialadarba miet qabel, ovvjament uliedu bhala werrieta tieghu deheru bhala atturi[1].
ii. **It-tieni eccezzjoni** – Giuseppa Abela, mart il-mejjet Alphonse Farrugia, skond it-testment tat-30 ta’ Novembru 2006 hi wahda mill-werrieta ta’ Sabina Sinagra. Ghalhekk il-presenza taghha fil-kawza hi essenzjali ghal finijiet ta’ integrita’ tal-gudizzju.
iii. **It-tielet eccezzjoni** – George Sinagra gie msejjah fil-kawza b’digriet moghti fit-8 ta’ Mejju 2009.

[1] Ara dikjarazzjoni li saret waqt f’nota kongunttiva li pprezentaw il-partijiet fis-7 ta’ Ottubru 2009 (paragrafu 9 a fol. 68).

B'riferenza ghall-eccezzjoni li ta George Sinagra, ma jistax jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-presenza tieghu hi mehtiega sabiex il-gudizzju jkun integru. Rinunzja ghall-wirt, hi x'inhi r-raguni, trid issir skond il-procedura kontemplata fl-Artikolu 860 tal-Kodici Civili. Hu biss ladarba din is-sentenza ssir gudikat li George Sinagra jista' jirrinunzja ghal sehemu mill-wirt.

M'hemmx kontestazzjoni li dak li jinghad fit-testmenti hi l-volonta' tat-testatrici. Il-kwistjoni hi relatata mal-formalita' li titlob il-presenza ta' xhieda.

L-atturi nvokaw l-Artikolu 665 tal-Kodici Civili u l-Artikolu 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55).

L-Artikolu 655 tal-Kodici Civili li jipprovdi:-

*"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, it-testment pubbliku ghandu jircevih u jippubblikah nutar quddiem zewg xhieda, bhal kull att nutarili iehor, taht id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili ukoll ghal dik li hi l-firma tat-testatur skond jekk dan jkunx jaf u jista' jikteb, jew le."*.

L-Artikolu 672 jipprovdi li n-nuqqas ta' tharis tal-formalitajiet li jissemmew fl-Artikolu 655 u ohrajn, jaghmel it-testment null.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 55 jipprovdi li:-

*"Att notarili hu null jekk –*

*omissis*

*(e) jekk il-htigijiet tal-artikoli 25(1),(2),(3),(4) u (5), 27, 28(1)(k) u 34 ma jkunux gew imharsa."*.

Kemm mir-rikors guramentat u wkoll min-noti ta' sottomissjonijiet hu evidenti li l-ilment tal-atturi hu li fil-hin tal-qari u meta gie ffirmat it-testment ma kienx hemm zewg xhieda prezenti.

Il-presunzjoni ghandha tkun li l-formalitajiet gew segwiti fejn hekk jidher mit-testment. Ghalhekk l-oneru tal-prova hu fuq l-atturi.

**<u>Testment tal-14 ta' Ottubru 2003</u>**:-

Fit-testment jinghad:-

*"Maghmul, moqri u ppubblikat wara li fiehemt il-kontentut tieghu lit-testatrici u lix-xhieda Carmen mart Emmanuel Camilleri*[2] *bint Alphonse Degabriele u Guseppi Fenech rtirat bin Emmanuel u joqghodu Zejtun f'Malta Zejtun Triq il-Madonna tal-Hniena bin-numru mitejn u sbatax.".*

Prezenti ghal dan it-testment kien hemm l-attrici Thereza Camilleri, oht it-testatrici. Meta xehedet qalet[3]:

*"Xhud: Ghamlet it-testment id-dar taghha, hi kienet normali pero' ma kienx hemm xiehda.*
*Dr Owen Bonnici: Min kontu fil-kamra ?*
*Xhud: Jiena, Sabina u n-nutar Tabone.*
*Dr Owen Bonnici: Qrahulha t-testment ?*
*Xhud: Qrahulha.*
*Dr Owen Bonnici: Meta qrahulha kemm kontu nies fil-kamra ?*
*Xhud: Tlieta, in-nutar, jiena u Sabina.*
*Dr Owen Bonnici: Sabina tiftakar jekk iffirmatx it-testment ?*
*Xhud: Iffirmat ehe.*
*Dr Owen Bonnici: Meta ffirmat kemm kontu fil-kamra ?*
*Xhud: Tlieta xorta.*
*Dr Owen Bonnici: Jigifieri fi kwalunkwe hin kemm kontu fil-kamra ?*

---

[2] Jigi rilevat li fil-kopja tat-testment ix-xhud hi mnizzla bhal Carmen mart Emanuel **Degabriele**, filwaqt li fil-kopja tal-original kunjomha hu **Camilleri**. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2012 xehedet ir-rapprezentant tal-Kummissarju Elettorali li tat it-taghrif dwar din il-persuna. Madankollu fis-seduta tat-12 ta' April 2012 l-atturi ddikjaraw li qeghdin jirrinunzjaw milli jharrkuha bhala xhud *"....in kwantu fil-fond li jissemma fid-Dokument EA1 jaf li ma hijiex ir-residenza tax-xhud."*. Jidher li kuntrarjament ghal dak li allegaw l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet, din il-persuna tezisti.

[3] Seduta tal-24 ta' Frar 2011.

*Xhud: Tlieta dejjem.”*.

Verzjoni li rrepetiet b’konvinzjoni meta waqt is-seduta tal-24 ta’ Frar 2011 regghu sarulha domandi mill-qorti. L-istess gara fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2011.

Min-naha tieghu n-nutar Tabone xehed:-

*“Jiena waqt li nkun qed naghmel testment ma nghajjtilhomx ix-xiehda normalment. Inkellimhom privatament halli jekk ikun hemm xi haga kunfidenzjali jew xi haga rridu nduru maghha imma mbaghad meta nlestih jidhlu n-nies u johorgu.”*[4]. Fl-ahhar tad-deposizzjoni qal: *“Waqt il-qari tat-testment kien hemm ix-xhieda”*.

Meta rega’ xehed fis-seduta tat-13 ta’ Jannar 2012, qal:-

*“Nikkonferma li dawn it-tnejn min-nies kienu prezenti meta jien ghamilt it-testment, fis-sens li jkun miktub, insejjah zewg xhieda u naqra it-testment quddiem it-testatur u x-xhieda.”*.

Mhux facli li jigi stabbilit liema verzjoni hi l-verita’. Hu minnu li n-nutar ma kienx kapaci jaghti dettalji cari dwar min huma x-xhieda li jissemmew fit-testment li ppubblika. Ghalkemm il-Kap. 55 ma jezigix li jkun hemm iktar dettalji dwar ix-xhieda minn dawk li jissemmew (ara Artikolu 28(c)), m’hemmx dubju li hu floku li n-nutar inizzel kemm jista’ jkun dettalji dwarhom sabiex ikunu facilment identifikabbli[5]. Hu fatt ukoll li n-nutar Tabone xehed fl-24 ta’ Frar 2011, cjoe’ iktar minn sebgha (7) snin wara li ppubblika t-testment. Mill-atti jidher li wahda mix-xhieda giet identifikata. Ghar-rigward tax-xhud l-iehor, Giuseppe Fenech, ufficjal mir-Registru Pubbliku xehed li mir-ricerka li ghamel kien sab persuna jisimha Giuseppi Fenech iben Emanuel. Pero m’hemmx certezza hijiex l-istess persuna.

---

[4] Fol. 95.

[5] Il-presenza tax-xhieda tidher li hi ntiza sabiex tiggarantixxi li hadd ma jezercita pressjoni jew influwenza fuq it-testatur u ghalhekk li t-testment jirrifletti l-volonta tieghu.

Fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2011 Theresa Camilleri xehedet:-

*“Meta qrajna t-tieni testment rajna illi kienu jissemmew x-xhieda u jiena lil huti ghidtilhom xhieda ma kienx hemm prezenti fil-kamra.*

*Ta’ Tabone ma tajniex kasu, ma kienx hemm affarijiet hekk, kien wara li ndunajna illi kien hemm l-istess problema.”*[6].

Dan it-tieni paragrafu jnissel dubju fil-qorti. Id-domanda tqum wahedha. Jekk Camilleri kienet certa li fit-testment tan-nutar Tabone ma kienx hemm xhieda prezenti u infurmat lil hutha, kif ma semmietx dan ‘il fatt mill-ewwel meta l-ahwa qraw it-testment pubblikat min-nutar Patrizia Mallia ? Dan inissel dubju dwar jekk il-verzjoni ta’ Thereza Camilleri hijiex korretta. L-atturi ghamlu riferenza ghal sentenza li nghatat minn din il-qorti fil-kawza **John Pace nomine et vs Carmela Chircop** fl-4 ta’ Gunju 1964[7] fejn inghad:-

*“…. meta min jimpunja t-testment minhabb vizju ta’ forma jipprova l-kaz tieghu prima facie jew almenu iqanqal dubbju serju u ragonevoli jekk il-forma gietx rispettata, minn dak il-mument il quddiem jispetta lill-parti li tallega l-fatt positiv tal-osservanza tal-forma li tippruvaha.”*.

F’dan il-kuntest il-qorti ghamlet riferenza ghal dak li kiteb l-gurista Pacifici Mazzoni fejn qal li *“il dubbio deve essere risoluto in favore dell’erede legittimo.”*. Il-qorti tistqarr li ghandha rizervi dwar din l-affermazzjoni in kwantu fil-fehma taghha:-

i. Id-dubju ghandu jimmilita favur il-validita’ tat-testment meta tqies li fuqu hemm il-firma tat-testatur.It-testment hu fih innifsu prova tal-osservanza tal-prova.

---

[6] Fol. 142.
[7] Imhallef M. Caruana Curran.

ii. Jekk fuq semplici dubju dwar jekk gietx segwita formalita' wiehed jasal biex jannulla testment, dan iwassal ghal stat ta' incertezza fejn m'hemmx bzonnha.
iii. Hu minnu li l-presenza tax-xhieda hi formalita' essenzjali, pero' fil-fehma tal-qorti d-dubju ghandu jimmilita favur il-validita' tat-testment ghallinqas zgur fejn jirrizulta, kif irrizulta f'dan il-kaz, li dak li jinghad fit-testment hu fir-realta' dak li riedet it-testatrici.

Ghalhekk fil-fehma tal-qorti fejn jibqa' jipprevali dan id-dubju, il-presunzjoni li gew osservati l-formalitajiet ghandha tipprevali.

**<u>Testment tat-3 ta' Novembru 2006</u>**:-

Theresa Camilleri kienet ukoll prezenti ghal dan it-testment u qalet[8]:-

*"Dr Owen Bonnici: Meta ghamiltu t-testment kemm kontu nies gol-kamra ?*
*Xhud: Tlieta, in-nutara, jiena u Sabina.*
*Dr Owen Bonnici: Saverin ma kinitx hemm ?*
*Xhud: Le ma kinitx hemm.*
*Dr Owen Bonnici: Intom ghamiltu zewg testmenti, ghamiltu wiehed Sabina u wiehed int ?*
*Xhud: Iva.*
*Dr Owen Bonnici: Kemm kien hemm nies fil-kamra fiz-zewg testmenti ?*
*Xhud: In-nutara, jiena u Sabina ghax fl-istess gurnata morna.*
*Dr Owen Bonnici: Fejn sar it-testment ?*
*Xhud: Fil-kamra ta' gewwa, fil-klinika.*
*Dr Owen Bonnici: Il-kamra ta' gewwa kif inhi ?*
*Xhud: Kamra zghira.*
*omissis*
*Dr Owen Bonnici: Id-domanda hija jekk qratuhliex.*
*Xhud: Qratulha.*
*Dr Owen Bonnici: Meta qratulha kemm kontu nies fil-kamra ?*
*Dr Owen Bonnici: Min kontu tlieta ?*

[8] Seduta tal-24 ta' Frar 2011 (fol. 89-90).

*Xhud: In-nutara, Sabina u jien. Pero' kienet qed taqra t-testment ta' Sabina. Sabina ghalkemm kienet bla dawl kienet normali.*
*Omissis*
*Dr Owen Bonnici: Meta ffirmatu kemm kontu nies ?*
*Xhud: Tlieta. Jiena, Sabina u n-nutar."*.

In-nutar Mallia spjegat[9]:-

*"Jiena dak iz-zmien kont qed nghin lin-nutar German tal-Joint Office peress li kont qed nghinu fil-vetting tad-dokumenti tad-drafting u dak il-hin stess kont ircevejt telefonata filghodu minghand din Saverin Sinagra, kont nafha jigifieri. Gieli hdimtilha fil-passat ukoll u qaltli tista' tigi urgentement ghandi zewg nisa jridu jaghmlu testment ? Jiena kont qeghda hemm niddraftja u nivvettja l-files tal-Joint Office. Qalli mela le. Konnha fil-hin tal-break, ma nafx jekk kienx il-hdax il-hdax u nofs ta' filghodu meta morna. Jien ovvjament kelli bzonn il-permess tieghu biex nitlaq minn hemm u ghidtlu tista' tigi mieghi biex toqghodli bhala xhud u gie mieghi."*.

Xehed ukoll in-nutar German li tista' tghid ta l-istess verzjoni li tat in-nutar Mallia[10].

Il-qorti tistqarr li wkoll fir-rigward ta' dan it-testment ghandha d-dubji kemm verament kien hemm ix-xhieda meta nqara u gie ffirmat it-testment[11] meta tqies:-

1. Ix-xhud Johanna Azzopardi qatt ma giet identifikata.
2. Kemm hu minnu li minn fuq il-post tax-xoghol in-nutar German qaghad jinqala' mill-ufficcju sabiex jitla' z-Zejtun man-nutar Mallia sabiex sempliciment ikun xhud fuq testment ? Fit-testment jinghad li l-hin kien fil-11.00 a.m.
3. Kemm hu minnu li n-nutar harget mill-fond (Triq Luqa Briffa) fejn sar it-testment u nizlet fejn il-venda tal-karrozzi tal-linja fiz-Zejtun u sabet persuna li qalet li ma

[9] Fol. 105.
[10] Seduta 24 ta' Frar 2011 (fol. 100-103).
[11] Xhud li qatt ma giet identifikata.

tafx min hi, u din segwita lura fil-fond fejn gie ppubblikat it-testment ?

4. Saverina Sinagra li qalet li dakinhar in-nutar Mallia kienet marret id-dar ghandha fir-rigward ta’ xoghol iehor, qatt ma semmiet li n-nutar kienet akkumpanjata minn persuna ohra (in-nutar German)[12]. Id-dar taghha hi ftit il-passi ‘l boghod mill-fond fejn Sabina Sinagra ghamlet it-testment. Xehedet: *“Qaltli kif qeghdin hawn jimporta immorru ghand it-tabib ha naghmel it-testment. Jien ftahtilhom il-bieb, u in-Nutar u Sabina hargu. Jiena rajthom dehlin il-clinic.”*[13]. Sahansitra lejn l-ahhar tad-deposizzjoni qalet li kienet hi li fethitilhom il-bieb tal-fond fejn Sabina Sinagra ghamlet it-testment. Min-naha taghhom in-nutar German u Mallia ma semmewx li l-ewwel marru fuq bicca xoghol ohra f’dar fl-istess triq.

Min-naha l-ohra:-

1. ‘Il fatt li l-persuna Johanna Azzopardi ma gietx identifikata ma jfissirx li ma tezistix. Il-ligi ma tezigix li n-nutar ikun jaf lill-persuna li jitlob biex tkun xhud fuq att. Pero’ dan ‘il fatt jikkonferma kif ir-regola ghandha tkun li l-konnotati tax-xhieda ghandhom jinkludu l-karta tal-identita u indirizz ta’ residenza sabiex b’hekk il-persuna tkun tista’ tigi identifikata iktar facilment.
2. ‘Il fatt li jidher li n-nutar German u Mallia kellhom relazzjoni ta’ kollegi fuq posta tax-xoghol, wiehed ma jistax jeskludi li talbitu jaghmlilha favur u jitla’ maghha biex ikun xhud fuq testment.
3. Kemm hu verosimili li nutar ser tkun daqstant ingenwa li tipperikola l-professjoni taghha u tippubblika testment minghajr xhieda, meta fil-kamra m’hemmx it-testatur biss ?
4. Il-qorti qrat kemm-il darba t-traskrizzjonijiet tax-xhieda tan-nutar German u Mallia, u tista’ tghid li taw l-istess verzjoni. Wiehed jista’ jargumenta li gara hekk ghaliex kienu miftehmin dwar il-verzjoni tal-fatti li ser jirrakkontaw. Pero’ l-qorti ma tistax taghmel dawn it-tip ta’

---

[12] Seduta tal-15 ta’ Frar 2012.
[13] Seduta li saret fil-15 ta’ Frar 2012 fil-fond 30, Triq Luqa Briffa, Zejtun.

konkluzjonijiet jekk ma jkollix il-konvinciment morali li hekk sehh.

5. Minkejja li n-nutara German u Mallia ma semmew xejn dwar dak li qalet Saverina Sinagra u riportat hawn fuq, b'daqshekk ma jfissirx li l-verzjoni li taw m'hijiex il-verita. Hu fatt li t-tnejn li huma sempliciment wiegbu ghad-domandi li sarulhom.

F'dan ix-xenarju ta' dubju u iktar u iktar meta tqies li dak li jinghad fit-testment hi r-rieda tat-testatrici li z-zewg familji jgawdu l-gid bl-eskluzjoni ta' George Sinagra, il-qorti hi tal-fehma li d-dubju ghandu jkun favur il-validita' tat-testment.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjoni ta' George Sinagra spejjez ghalih.**
**2. Tichad l-ewwel eccezzjoni spejjez ghall-konvenuti li tawha.**
**3. Tichad it-tieni eccezzjoni spejjez ghall-konvenuti.**
**4. Tiddikjara li l-meritu dwar it-tielet eccezzjoni hu ezawrit u ghalhekk m'hemmx htiega li l-qorti tippronunzja dwarha. Spejjez tal-eccezzjoni a karigu tal-konvenuti li tawha gialadarba ma jirrizultax li rrinunzjaw ghaliha.**
**5. Tilqa' r-raba' eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-atturi.**

**Spejjez a karigu tal-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------